MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1365/2002/1

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Mario Pikard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ hames mija u disgha u sittin lira Maltin (Lm569) rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-17 ta’ Settembru 2002 fejn huwa eccepixxa:
1. Illi l-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u ghalhekk jitlob li jigi illiberat mill-osservanza

tal-gudizzju f'dina l-istanza, stante illi huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta attrici, izda semmai biss in rappresentanza ta' kumpanija.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa f'kull kaz eccessiv, peress li qatt ma gew ordnati oggetti tal-valur pretiz mis-socjeta attrici.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema ix-xhieda ta' Marvin Sapiano in rappresentanza tas-socjeta attrici u tal-konvenut Mario Pickard.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut qieghed jissolleva zewg eccezzjonijiet ghat-talba attrici u dana ghal hlas ta' merce li giet mibjugha u ikkonsenjata lilu sabiex tigi utilizzata fir-restaurant bl-isem ta' Trattoria Carafa gewwa l-Belt Valletta.

Huwa jallega illi n-negozju mertu tal-kawza qatt ma sar mieghu personalment, izda mas-socjeta b'responsabbilita' limitata li taghha huwa ghandu ir-rappresentanza, u ghalhekk ma huwiex il-legittimu kontradittur f'din l-istanza. Illi inoltre huwa jallega illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa eccessiv u dana stante illi qatt ma giet ordnata il-merkanzija ghal-valur pretiz mis-socjeta attrici.

Illi mill-fatti imressqa mill-partijiet f'dina l-istanza jirrizulta illi l-konvenut huwa direttur fis-socjeta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited u Ideal Entertainment Limited, liema socjetajiet kienu ukoll jiggestixxu ir-restaurant bl-isem ta' Trattoria Carafa. Illi kienu dawn is-socjetajiet li kienu jinnegozjaw mas-socjeta attrici u mhux huwa f'ismu personali. Inoltre huwa jallega illi s-socjeta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited kienet tat istruzzjonijiet cari lis-socjeta attrici li l-ordnijiet kellhom isiru biss permezz ta' *purchase orders* u mhux permezz tat-*telephone*, u ghalhekk qieghed jikkontendi illi dawk l-ordnijiet li saru mix-*chef* George Debattista li kien impjegat gewwa ir-*restaurant*, permezz tat-*telephone* ma sarux mis-socjeta izda minn

dan ix-*chef* personalment u li ghalhekk l-valur ta' din il-merkanzija ikkonsenjata gewwa ir-*restaurant* u li ma gietx ordnata permezz ta' *purchase order* ma huwiex dovut. Huwa ezebixxa uhud minn dawn il-*purchase orders* li jinsabu a fol.88 sa 91 ta'l-atti processwali, kif ukoll ittra datata 20 ta' Settembru 2000 minn fejn jirrizultaw l-istruzzjonijiet li gew moghtija lis-socjeta Alf. Mizzi & Sons Ltd. rigward il-mod kif kellhom isiru l-ordnijiet fost ohrajn, liema ittra tinsab esebieta a fol.59 ta'l-atti processwali. Illi l-konvenut allega illi dana George Debattista kien jaghmel ordnijiet minghajr l-awtorizazzjoni taghhom u li anke kien jiehu xi merkanzija ghalih personali, tant illi s-socjeta minnu rappresentata bi hsiebha tiehu passi legali kontrieh ghal din il-misapproprjazzjoni.

Illi min-naha taghha is-socjeta attrici esebiet kopja tal-ftehim originali bejn il-partijiet, liema ftehim jidher illi sar mal-konvenut f'ismu personali u li madanakollu gie iffirmat mix-*chef* George Debattista ghan-nom tieghu. (Dokument MS1 a fol.42). Dana il-ftehim igib id-data 23 ta' Novembru 2000 u ghalhekk jidher illi sar wara li kienet intbaghtet l-ittra imsemmija iktar 'il fuq, iffirmata minn Mario Pickard bhala direttur tas-socjeta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited.

Illi wara din id-data jidher illi bdew isiru l-ordnijiet u il-konsenji relattivi gewwa ir-*restaurant*, u dana kif jirrizulta mill-*invoices* esebiti a fol.44 sa 56 ta'l-atti processwali, liema *invoices* huma intestati f'isem "Ristorante Carafa George Debattista". L-istess dokumenti jindikaw illi l-merkanzija kienet giet ikkonsenjata f'idejn dana George Debattista, kif ukoll f'idejn certu Sharon Briffa u Jacqueline Micallef.

Illi wara li kienu saru dawn il-konsenji jirrizulta illi kien sar pagament akkont ta' Lm200 u dana kif jidher mid-Dokumenti MS17 u EG2 esebieti a fol.57 u 72 ta'l-atti processwali rispettivament. Jidher illi dana il-pagament gie effetwat wara li kienet intbaghtet *fax* lill-konvenut datata 10 ta' Awissu 2001 (Dokument EG1 a fol.71), fejn huwa gie interpellat sabiex ihallas il-bilanc dovut ta' Lm769.29.

Illi is-socjeta attrici tallega illi l-konvenut qatt ma ressaq l-ilmenti sollevati permezz tal-presenti istanza u kien biss permezz ta' dawn il-proceduri illi l-konvenut beda jallega illi n-negozju ma kienx sar mieghu personalment, izda mas-socjeta minnu rappresentata u li fil-fatt l-valur mitlub tal-merkanzija ikkonsenjata ma kienx kollu dovut peress illi uhud mill-ordnijiet kienu saru permezz tax-*chef* George Debattista minghajr l-awtorizazzjoni necessarja u mhux kif miftiehem.

Ikkunsidra,

**<u>L-EWWEL ECCEZZJONI – NUQQAS TA' RELAZZJONI GURIDIKA</u>.**

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi fil-kors tax-xhieda tieghu, l-konvenut isemmi zewg socjetajiet kummercjali li taghhom jidher illi huwa direttur, u cioe' is-socjeta Ideal Entertainment Limited u Ideal Dwellings (Turnkey) Limited. Ma huwiex car lanqas jekk tezistix xi socjeta ohra bl-isem ta' Ideal Dwellings Limited. Il-konvenut jallega illi il-gestjoni tan-negozju ta' dan ir-*restaurant*, kien inizjalment f'idejn is-socjeta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited, izda sussegwentement din ghaddiet f'idejn is-socjeta Ideal Entertainment Limited. Prova in sostenn ta' dak li qieghed ighid, l-konvenut qatt ma ressaq, lanqas il-*Memorandum and Articles of Association* ta' dawn is-socjetajiet ma gew esebieti. L-uniku indikazzjoni ta'l-esistenza tas-socjeta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited tirrizulta mid-Dokumenti MP1 u mill-*purchase orders* esebieti a fol.88 sa 91 ta'l-atti processwali. Min-naha l-ohra mid-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici dawn iz-zewg socjetajiet qatt ma jissemmew u jidher biss l-isem ta' Mario Pickard, il-konvenut fuq il-*customer details form* u cioe' id-Dokument 42 u l-isem ta' George Debattista, li l-konvenut jikkonferma li kien impjegat bhala *chef* gewwa ir-*restaurant* u l-indirizz ta'l-istess *restuarant*. Huwa ghalhekk kemmxejn stramb kif, l-konvenut qatt ma talab spjegazzjoni ghal dan il-fatt lis-socjeta attrici, jew inkella gibdilha l-attenzjoni ghal fatt illi l-ordnijiet kienu qed isiru u jigu accettati mis-socjetajiet imsemmija minnu. Jidher illi

lanqas il-fatt illi l-gestjoni tar-*restaurant* kienet ghaddiet f'idejn socjeta ohra ma giet ikkomunikata lis-socjeta attrici u ghalhekk is-socjeta attrici qatt ma setghet tkun taf illi in-negozju ma kienx qieghed isir ma'l-isem tal-klijent kif indikat lilhom fid-Dokument MS1, izda li kienet qed tinnegozja ma' socjeta kummercjali u sussegwentement ma' ohra. Dana l-obbligu kien certament jinkombi fuq il-konvenut u mhux fuq is-socjeta attrici li ma ghandha l-ebda dmir li taghmel xi ricerka dwar il-persuna jew persuni li maghhom tkun qieghda tinnegozja.

Illi ghalhekk gialadarba il-konvenut fl-ebda mument, matul il-kors tal-ordni u konsenja tal-merkanzija ma hass illi kellu jinforma lis-socjeta attrici dwar dan, huwa kien qieghed jidhol responsabbli personalment stante illi huwa qatt ma ikkontesta l-validita' tad-Dokument MS1, esebiet a fol.42 ta'l-atti processwali. Mhux biss dan, izda jirrizulta ukoll mill-provi illi wara li kienet intbaghtet il-*fax* lill-konvenut personalment (Dokument EG1) f'Awissu 2001, kien gie effetwat pagament minghajr riserva u dana f'Ottubru 2001. Lanqas ma ingiebet prova konklussiva illi l-ittra tal-20 ta' Settembru 2001 mibghuta mis-socjeta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited fil-verita wasslet f'idejn is-socjeta attrici. Jidher inoltre illi dina l-ittra intbaghet f'indirizz li ma ghandu xejn x'jaqsam ma' dak tas-socjeta attrici u li mix-xhieda ta' Marvin Sapiano, jirrizulta illi fil-fatt dina l-ittra qatt ma wasslet f'idejn is-socjeta attrici u li l-konvenut qatt ma ghamel l-ebda verfika sabiex jaccerta ruhu dwar dan, hlief li jallega li kien sar xi forma ta' ftehim verbali, haga ghal kollox inverosimili meta huwa tant kien qieghed jinsisti illi anke l-ordnijiet kellhom isiru biss bil-miktub u li ma kellhomx isiru bil-fomm.

Illi jekk kif qieghed jallega l-konvenut il-formola, Dokument MS1 giet mimlija minn George Debattista ad insaputa tieghu u minghajr il-kunsens tieghu, allura kien jispetta lilu li imexxi 'il quddiem proceduri legali kontra l-istess George Debattisa ghal dan il-fatt, haga li tidher li ghada sal-lum ma saritx. Terzi in buona fede certament ma ghandhomx ibatu konsegwenza ta' agir frawdolenti maghmul ad insaputa taghhom. Fuq kollox jidher illi l-ftehim milhuq tramite dan George Debattista, (li del resto, il-konvenut

qatt ma ressaq bhala xhud in sostenn ta’ dak allegat minnu,) kien beda jigi attwat.

Illi it-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Marzu 2002 (Onor.Imhallef Raymond C.Pace) fl-ismijiet Carmel Brand Co.Ltd. vs Michael Debono fejn inghad:
“Meta negozju jkun gestit minn socjeta b’responsabbilita’ limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-iktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.
Tali indikazzjoni ghandha issir ukoll fuq l-*invoices*, *statements* ecc, relatati ma’l-akkwist maghmul minnha. Fin-nuqqas ta’ tali indikazzjoni espressa it-terz ghandu kull dritt jippresumi li qieghed jinnegozja ma’ individwu u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.
Normalment, bniedem jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f’isem haddiehor, jew jekk dana ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f’isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f’isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.”

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi ma jirrizultax illi l-konvenut ipprova illi n-negozju mertu ta’ din il-kawza kien sar mas-socjeta jew socjetajiet minnu gestiti u kwindi din l-eccezzjoni sollevata minnu qed tigi respinta.

**<u>IT-TIENI ECCEZZJONI – L-AMMONT MITLUB HUWA ECCESSIV.</u>**

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi dina l-eccezzjoni hija kemmxejn kontradittorja ma’l-ewwel eccezzjoni ghaliex ghalkemm il-konvenut qieghed jallega illi huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u li ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut minnu personalment, imbaghad huwa ikompli ighid illi l-ammont li qieghed jintalab minnu huwa eccessiv, b’dana li donnu qieghed jimplika illi tassew hemm xi ammont dovut minnu.

Illi madanakollu lanqas hawnhekk il-konvenut ma irnexxielu jipprova dak allegat minnu. Fl-ewwel lok huwa naqas li jindika liema huma l-ammonti illi realment ghandu ihallas, u liema huma dawk illi ma humiex dovuti u dana peress illi l-ordnijiet kienu saru mix-*chef* minghajr l-awtorizazzjoni necessarja. Fil-fatt ghalkemm huwa ipprometta li jezebixxi prospett dwar dan, huwa naqas li jaghmel l-istess, u ezebixxi erba' *purchase orders* f'isem is-socjeta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited, tant illi ma huwiex car jekk dawn kenux l-unici ordnijiet li kienu saru u li l-kumplament qed jigi ikkontestat, jew inkella jekk kienx hemm xi ordnijiet ohra barra dawk li gew esebiti, li ma humiex qed jigu ikkontestati.

Inoltre mill-*invoices* esebieti mis-socjeta attrici jidher illi dawn huma ordnijiet illi ragonevolment isiru fil-kors ta' gestjoni ta' *restaurant* u ma jidhirx illi hemm xi merkanzija eccessiva li kienet qed tigi ikkonsenjata. Inoltre ghalkemm l-konvenut jallega illi l-impjegat George Debattista kien qieghed jordna merkanzija ghalih personalment u mhux ghall-uzu gewwa ir-*restaurant*, huwa ma irnexxielux jipprova dan il-fatt. Lanqas jidher illi ittiehdet xi azzjoni kontra dan l-impjegat dwar l-agir tieghu.

Illi kif diga gie rilevat iktar 'il fuq, ghalkemm il-konvenut jallega illi is-socjeta attrici kienet inghatat struzzjonijiet specifici dwar liema merkanzija kellha tigi ikkonsenjata u cioe' dik biss li tohorg minn purchase order, ma giex ippruvat illi dawn l-istruzzjonijiet fil-verita wasslu ghand l-istess socjeta attrici, oltre ghal fatt illi huwa kemmxejn inverosimili illi l-konvenut ma kienx jivverifika dak li kien qieghed jigri fil-gestjoni tar-*restaurant* u ma gibidx l-attenzjoni tas-socjeta attrici ghal fatt illi kienu qed isiru konsenji minghajr il-hrug tal-*purchase order* relattiva.

Illi finalment ghandu jinghad illi l-konvenut fl-ebda mument ma ikkontesta l-fatt illi kien hemm xi ftehim mas-socjeta attrici, liema ftehim filf-att kien qed jigi attwat u qatt ma ikkontesta l-fatt illi l-merkanzija kienet qed tigi ikkonsenjata gewwa ir-restaurant, kif del resto jirrizulta mill-*invoices* esebieti mis-socjeta attrici. Huwa

madanakollu naqas li jindika liema kienu l-ammonti li ma kenux dovuti kif sollevat fit-tieni eccezzjoni tieghu.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' provi, anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' it-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u disgha u sittin lira Maltin (Lm569), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------